# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 16 ta' Mejju, 2019

**Rikors Numru : 503/2018 JPG**

**Kawza Numru : 14**

**EG**

**vs**

**JA**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' EG datat 9 ta' Novembru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti zzewwget lill-intimat fl-ghaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) fil-knisja ta' San Filippu Parrocca ta' Haz-Zebbug, Malta (ceritifkat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. EGI);*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldet bint AA fil-hamsa u ghoxrin (25) t'Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010), u ghandha tmien (8) snin (certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok EG 2);*

3. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali tas-17 ta' April 2015 fl-atti tan-Nutar Josef Masini Vento li kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok. EG 3;*

4. *Illi l-istess partijiet ilhom ghal aktar minn erbgha (4) snin separati de facto u jghixu hajja kompletament indipendenti minn xulxin u m'hemm l-ebda prospett*

*ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;*

5. *Illi l-intimat ihallas il-manteniment dovut ghal minuri AA regolarment;*

6. *Illi r-rikorrenti EG tixtieq tottjeni divorzju u li z-zwieg tal-partijiet jigi mahlul u qed tipprezenta l-affidavit taghha bid-dokumenti relattivi annessi u mmarkat bhala Dok EG 4;*

7. *Illi l-partijiet issodisfaw il-kriterji imposti mill-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iz-zwieg taghhom jigi xolt, u dan in vista tal-fatt li fid-data li bdew dawn il-proceduri, l-partijiet kienu ilhom jghixu mhux flimkien ghal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tordna li z-zwieg kuntrattat bejn ir-rikorrenti u l-intimat nhar l-ghxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) fil-Knisja ta' Sa Filippu Parrocca ta' Haz-Zebbug, Malta, jigi mahlul;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien iffissat minn din il-Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku tad-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' JA, datata 4 ta' Frar 2019, a fol 28 , li taqra hekk:

*Illi l-esponent jikkonferma l-fatti kif esposti mir-rikorrenti fir-rikors guramentat taghha.*

*Illi l-esponent jirrileva umilment li huwa dejjem ihallas il-manteniment dovut ghal bintu minuri puntwalment.*

*Illi jirrileva wkoll li ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni.*

*Illi l-esponent m'ghandu l-ebda oggezzjoni li tigi pronunzjata d-divorzju bejnu u martu r-rikorrenti.*

*Illi minkejja dan l-esponent jirrileva li l-ispejjez ta'dawn il-proceduri ghandhom ikunu akarigu esklussiv tar-rikorrenti.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi skont il-ligi, u bl-ispejjez.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

**Ikkonsidrat:**

**EG** xehdet illi l-partijiet izzewgu fl-10 ta' Mejju 2009 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fis-17 t'April 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda, versu liema jithallas manteniment b'mod regolari. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**JA** xehed u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.[...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi wara z-zwieg taghhom tal-10 ta' Mejju 2009 (vide Dok EG1 certifikat taz-zwieg a fol 3), l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 17 ta' April 2015 fl-atti tan-Nutar Dr Josef Masini Vento, debitament awtorizzat mill-Qorti (vide Dok EG3 a fol 5 et seqq.), u illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla, li ghadha minuri u li fil-konfront ta' min l-intimat ihallas manteniment b'mod regolari.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Gie sodisfacentement stabbilit illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u il-Qorti tqis li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**